# Q O R T I   C I V I L I
## (Sezzjoni tal-Familja)

## ONOR. IMHALLEF
## ROBERT G. MANGION

**Illum 18 ta' Jannar 2018**

Rikors Guramentat Nru.  117 / 17RGM

Kawza fil-lista:  9

**T R H**
**vs**
**X R H**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat pprezentat mill-attrici li permezz tieghu ppremettiet u talbet is-segwenti:-

1. Illi l-kontendenti zzewgu fis-27 ta' Awissu 2016 gewwa Malta.

2. Minn dan iz-zwieg ma kellhomx tfal pero` qabel ma zzewgu twieldu zewgt itfal F li twieled fid-29 ta' Settembru 2012 u K ahwa R H li twieldet fl-l4 ta' Mejju 2011 u ghalhekk ghadhom minuri;

3. Illi il-partiiiet ilhom separati de facto minn Ottubru 2016 tant li l-intimat jghix mal-genituri tieghu l-Imtarfa u l-esponenti tghix Haz-Zebbug Malta flimkien maz-zewg uliedha;

4. Illi l-partijiet qabel iz-zwieg xtraw l-fond Haz-Zebbug fejn tirrisjedi l-attrici flimkien maz-zewg uliedha u li jinsab numru tnejn u tletin, (32) appartament numru tnejn (2), Triq iz-Zebbug, Haz-Zebbug Malta ghalkemm l-intimat qatt ma hallas xejn minnu lanqas spejjez tal-kuntratt u sal-lum baqa ma jhallas ebda pagament u kollox hallset u ghadha thallas l-attrici;

5. Illi l-attrici ghandha hanut ta' hairdresser ir-Rabat u minnu taqla x'tiekol ghaliha u ghaz-zewg uliedha;

6. Illi dan iz-zwieg spicca minhabba sevizzi, minacci, theddid, swat, adulterju, ingurji gravi senjatament minhabba l-problema tad-droga li ghandu l-intimat; tant li fil-prezent jinsab jiskonta sentenza fil-Facilita Korrettiva ta' Kordin;

7. Illi l-intimat qatt ma ghadda manteniment lill-attrici ghal uliedhom ghalkemm huwa jahdem mid-dar tal-genituri tieghu bla ktieb bhala scalp micro pigmentation cioe jaghmel xoghol ta’ tattoo;

8. Illi waqt il-medjazzjoni l-intimat konvenut dejjem injora l-appuntamenti u qatt ma attenda ghal medjazzjoni;

9. Illi l-attrici giet awtorizzata tipprocedi ghas-separazzjoni personali b'digriet moghti moghti minn din l-Onorabbli Qorti tat-2 ta' Mejju 2016.

Jghid l-konvenut ghaliex m'ghandhiex din l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti ghal ragunijiet imputabblil lill-konvenut u ghall-finijiet tal-Artikolu 48(1)(c) tal-Kodici Civili tistabilixxi d-data merta l-istess konvenut ghandu jkun kunsidrat li minnha kien hati tal-firda;

2. Tawtorizza lill-attrici tghix separata mill-attur zewgha;

3. Tordna li l-kura u kustodja tal-imsemmija minuri F u K, ahwa R H tigi fdatha esklussivament lill-attrici rikorrenti;

4. Tordna li r-residenza tal-istess minuri tkun mal-omm l-attrici;

5. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lil attrici martu dik ir-retta alimertarja xierqa u adegwata ghall-htigijiet tal-imsemmija minuri F u K, ahwa R H, li tigi ffissata mill-istess Qorti u l-bzonnijiet tal-istess minuri pagabbli mill-konvenut lill-istess attrici martu fil-gimgha jew fix-xahar kif ordnat minn dina l-Qorti u minhabba l-inaffidabilita u l-proceduri kriminali tal-konvenut, tordna li sehemu mill-komunjoni tal-akkwisti jigi assenjat lil mara;

6. Tapplika kontra l-konvenut interament jew in parti id-disposizzjonijiet tal-artikoli 48 u 50 tal-Kodici Civili;

7. Tikkundanna lill-konvenut jikkonsenja lill-attrici martu l-beni kollha dotali u parafernali taghha u separatment tordna li l-attrici tigi moghtija l-pjena amministrazzjoni tal-beni parafernali taghha;

8. Tiddikjara li l-fond li jinsab tnejn u tletin (32) appartament numru tnejn (2) Triq iz-Zebbug, Haz-Zebbug Malta ma ghadux aktar jitqies bhala d-dar matrimonjali tal-partijiet;

9. Tillikwida l-krediti parafernali ossija pekunarji tal-attrici u tikkwalifika l-istess krediti tal-istess attrici kontra l-komunjoni tal-akwisti tal-kontendenti liema ghandhom eventwalment jigu inkluzi fid-divizjoni tal-assi u d-debiti komprizi fl-istess komunjoni;

10. Tiddikjara illi d-djun li ghamel l-konvenut ghandu jassumih kollu fl-intier tieghu l-konvenut;

11. Tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn l-kontendenti, tillikwida l-assi u d-djun komprizi fl-istess komunjoni u kull komunjoni iehor inkluz fost dak id-dejn, id-dejn likwidat skond it-talba precedent u xxolji wkoll kull komunjoni ezistenti bejn il-partijiet kompriz il-komunjoni tal-immobbli li ghandhom il-partijiet appartenenti l-komunjoni tal-akkwisti b'mod li jigu applikati kontra l-konvenut id-disposizzjonijiet tal-artikolu 48(1)(c) tal-Kodici Civili; tillikwida dan il-gid u d-dejn komuni u filwaqt li takkumula ghal divizjoni wahda l-gid u d-dejn komuni tal-partijiet sew dak li gej mill-komunjoni u tordna li l-istess gid u djun komuni jigu maqsuma f'zewg porzjonijiet komposti kif jigi ordnat u stabilit minn din l-Qorti in vista, inter alia f'dak li jirrigwarda l-gid gej mill-komunjoni tal-akkwisti, tad-dati tal-akkwist tad-diversi oggetti formanti l-istess komunjoni u tad-data stabbilita minn din l-Qorti bhala d-data meta l-istess konvenut ghandu jkun kunsidrat li minnha kien hati tal-firda;

12. Tordna li minghajr pregudizzju ghat-talba precedenti l-fond li appartament numru tnejn (2) numru tnejn u tlieta (32) Triq iz-Zebbug, Haz-Zebbug, Malta tigi okkupata mill-attrici flimkien mal-imsemmija tfal minuri F u K, ahwa R H, bl-eskluzjoni tal-attrici [recte. konvenut] taht dawk il-provvedimenti kollha li jidhrilha xierqa skond id-disposizzjonijiet tal-artikolu 55A tal-Kodici Civili;

13. Tordna li sehem l-konvenut jigi assenjat lill-attrici bhala tpacija tal-krediti parafernali u krediti ohra dovuta lill-attrici u li jirrizultaw f'din il-kawza stante li l-konvenut mhux persuna affidabbli u stante wkoll li l-konvenut ghandu vizzju ta' droga u tat-traffikar tad-droga u kwalunkwe assi li jistghu jigu assenjati lilu jispiccaw droga jekk mhux ukoll konfiskati minhabba traffikar ta' droga b'detriment ghall-istess zewg ulied tal-partijiet;

14. Tawtorizza lill-attrici li tirregistra ossija tnizzel fir-Registru pubblika is-sentenza eventwalment moghtija minn dina l-Qorti.

15. Tinnomina Nutar Pubbliku sabiex jippubblika l-Att relattiv u kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lill-eventwali kontumaci;

16. Tippronunzja l-hall taz-zwieg li gie celebrat bejn l-partijiet fis-27 ta' Awissu 2016;

17. Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex fi zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku kemm bis-separazzjoni kif ukoll bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dawn jigu registrati fir-Registru Pubbliku.

Bl-ispejjez inkluzi dawn inkorsi fil-proceduri ta' medjazzjoni, kontra 1-konvenut li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat illi minkejja li gie debitament notifikat bir-rikors guramentat ta’ l-attrici fit-8 ta’ Gunju 2017[1] u ghalkemm deher fl-udjenza tas-6 ta’ Lulju 2017, il-konvenut baqa’ ma pprezenta ebda risposta guramentata u lanqas ma kkontesta li gie validament notifikat jew talab li jiggustifika l-kontumacja tieghu. Ghalhekk, il-Qorti tqis li l-konvenut huwa kontumaci f’din il-kawza.

Rat is-sentenza in parte taghha moghtija fis-26 ta’ Settembru 2017 fejn ordnat il-waqfien tal-komunjoni ta’ l-akkwisti bejn il-partijiet ai termini ta’ l-Artikolu 55 tal-Kodici Civili b’effett mid-data li fiha l-istess sentenza ssir res judicata u ordnat ukoll li l-ordni ta’ waqfien tkun notifikata lid-Direttur tar-Registru Pubbliku a spejjez taz-zewg partijiet f’sehem indaqs bejniethom;

Rat id-digriet taghha moghti waqt l-udjenza tas-7 ta’ Novembru 2017 fejn iddikjarat l-istadju tal-provi maghluq;

Semghet ix-xhieda u rat il-provi kollha;

Rat u kkunsidrat l-atti kollha l-ohra tal-kawza inkluz l-atti tar-rikors ta’ l-attrici tat-22 ta’ Mejju 2017, deciz bis-sentenza tas-26 ta’ Settembru 2017;

Semghet it-trattazzjoni orali tal-kawza;

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat;

---

[1] A tergo 15.

**Provi**

Illi din hija kawza ghal separazzjoni personali fejn l-attrici talbet ukoll il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet. Il-konvenut ma wegibx ghall-kawza u l-Qorti ghandha quddiemha biss il-verzjoni ta' l-attrici u x-xiehda taghha.

*Verzjoni Attrici*

L-attrici xehdet permezz ta' Affidavit u spjegat illi wara li zzewget lill-konvenut, huma ghexu biss hmistax-il gurnata flimkien li fihom il-konvenut lanqas biss ried jaf biha. Tghid li kellha biss 19-il sena meta ltaqghet mal-konvenut, u dak iz-zmien kienet impjegata bhala hairdresser. Harget tqila wara tliet xhur izda t-tarbija mietet. Marru joqghodu ma' omm il-konvenut l-Imtarfa u l-attrici kriet hanut tal-hairdressing ir-Rabat u bdiet tahdem ghal rasha.

Regghet harget tqila wara hames snin u twieled it-tifel F. Dak iz-zmien il-konvenut kien bil-ghaqal ghax beda jahdem mal-Ecabs u ma kienx jiehu droga, izda wara li twieled it-tifel il-konvenut rega' qabad il-hbieb u dejjem barra u mal-Ecabs kien naqqas ix-xoghol. L-attrici tghid li wara li twieled it-tifel hija baqghet tahdem il-hanut ta' hairdresser u qatt ma waqfet tahdem. Meta it-tifel kellu ghaxar xhur l-attrici regghet harget tqila u twieldet it-tifla K u l-partijiet marru joqoghdu ghand omm l-attrici ir-Rabat.

L-attrici tkompli tispjega illi l-konvenut qatt ma kien jghin fit-trobbija tat-tfal u ma kien ihallas xejn manteniment. Kien jghid li jhobb l-"easy money". Meta l-partijiet kienu ser jaghlqu ghaxar snin flimkien il-konvenut ippropona li jaghmlu festin. Dak iz-zmien kienu diga` ilhom gharajjes sitt snin, u meta l-attrici qaltlu biex jizzewgu, il-konvenut hatafha fil-kelma u qal li jrid tieg kbir u li jrid jizzewweg fil-Katidral tal-Imdina. Madanakollu, ma ried ihallas flus ghat-tieg u skont l-attrici, sitt sieghat qabel gew il-bridesmaids dakinhar tat-tieg, il-konvenut rega' bdielu u ma riedx jizzewweg, izda t-tieg sar xorta wahda.

L-attrici tispjega illi xi xahar qabel it-tieg il-konvenut kien qala' xebgha kbira u spicca l-isptar b'operazzjoni go wiccu. Il-verzjoni li ta lill-attrici dwar dan l-incident irrizulta li ma kienx minnu ghaliex l-attrici tghid li saret taf li x-xebgha qalghaha minghand il-familjari tat-tifla minorenni li wara, il-konvenut tressaq il-Qorti akkuzat li abbuzaha.

Dwar id-dar gewwa 32, Flat 2, Triq iz-Zebbug, Haz-Zebbug, l-attrici tispjega li ghalkemm hija riedet tixtri dan il-flat wahedha, kellha diffikulta` ssellef mill-bank fuq l-introjtu taghha biss u peress li dak iz-zmien il-konvenut kien jahdem mal-Ecabs, hija tghid li dahhlet il-konvenut fl-akkwist tad-dar biex tkun tista' tiehu s-

self bankarju li kellha bzonn. Eventwalment, il-konvenut tkecca mill-impieg tieghu mal-Ecabs izda l-attrici baqghet ghaddejja bl-akkwist minghajr ma infurmat lill-bank halli tista' tiehu s-self mehtieg ghall-akkwist. Tghid ukoll li meta l-konvenut tkecca minn mal-Ecabs, hija kellha thallas lill-Ecabs is-somma ta' €1,700 biex hargulu karta ghall-bank ghall-finijiet tas-self bankarju.

Il-partijiet izzewgu fis-27 ta' Awissu 2016 u marru joqghodu fid-dar li xtraw flimkien. L-attrici tghid li hija kienet taf li l-konvenut jiehu d-drogi u kienet izzewwigtu bil-kundizzjoni li jaghmel programm izda qatt ma ghamel xejn. Ftit wara, l-attrici tghid li saret taf li l-konvenut kellu lil haddiehor, certu Nicole Degaetano, tifla ta' hmistax-il sena. Wara gimgha jew hmistax wara z-zwieg, il-konvenut qabad hwejgu u mar joqghod ghand ommu l-Imtarfa fejn ghadu jghix sal-lum, sakemm ma jkunx il-habs. Skont l-attrici, ir-ragel qatt ma raqad id-dar ghajr 1-ewwel hmistax-il gurnata.

L-attrici tghid ukoll li saret taf ukoll mill-klijenti taghha li l-konvenut qieghed ma' certu Jessica Pisani li kien jahdem maghha 1-Ecabs u li jhaddimha jigifieri tmur mal-irgiel li jqabbadha. Tispjega wkoll li l-partijiet kellhom cruise li kienet hallset hija stess qabel iz-zwieg ghal honeymoon u peress li xtaqet hafna ma jitiflux il-cruise, il-partijiet marru flimkien mat-tfal u ma' omm u missier l-attrici, li gew sabiex joqghodu mat-tfal f'kabina ghalihom. Izda fil-cruise il-konvenut kien dejjem rieqed u excursions ma kienx irid jigi u l-attrici kienet tmur wahedha ma' ommha u missierha. Meta l-partijiet waslu Malta mil-cruise kien hemm habib jistennieh l-airport u l-konvenut baqa' sejjer mieghu u qatt ma rega' mar lura d-dar ghaliex rega' mar ghand ommu.

Tghid ukoll li l-konvenut qatt ma hallas manteniment lanqas waqt iz-zwieg u lanqas ghat-tfal. Dejjem hallset kollox hi, inkluz ir-ripagamenti tas-self bankarju li hadu qabel iz-zwieg ghall-akkwist tad-dar gewwa Haz Zebbug. Skont l-attrici, hija kienet hallset ukoll wahedha l-ispejjez tal-kuntratt, in-Nutar u kif ukoll id-depozitu fuq il-konvenju fis-somma ta' €12,500.

Il-konvenut qatt ma jitlob li jara t-tfal lanqas. Skont l-attrici, illum qieghed joqghod Bugibba mal-girlfriend tieghu Jessica Pisani izda sa fejn taf hi, ghadu jaghmel ix-xoghol specjalizzat ta' scalp micropigmentation li kien jaghmel qabel bla ktieb mid-dar tal-genituri tieghu. Skont l-attrici, 1-ispecjalizzjoni tieghu ftit li xejn hawn min jaghmel dan ix-xoghol f'Malta u l-konvenut ghandu qliegh tajjeb minn dan ix-xoghol.

L-attrici tispjega illi trid li l-kura u kustodja taz-zewg itfal, F ta' hames snin u K ta' tliet snin, tkun fdatha esklussivament lilha u dan ghaliex ir-ragel mhux persuna responsabbli, u affidabbli u qatt ma ha interess f'uliedu. Tghid li l-konvenut ghandu wkoll diversi proceduri kriminali dwar traffikar ta' droga u serq u

jaghmilha ma’ kumpanija hazina. Tissottolineja li mhux qed titlob manteniment ghaliha nnifisha izda ghaz-zewgt itfal, pju` nofs l-ispejjez ta’ edukazzjoni u sahha u dan b'lura mid-data tat-twelid taghhom, stante illi l-konvenut qatt ma hallas xejn u dejjem hi hadet hsiebhom. L-attrici trid li l-konvenut jigi ordnat ihallas manteniment ghaz-zewgt itfal ta’ mill-anqas €400 fix-xahar u nofs spejjez edukazzjoni u sahha.

Dwar access, l-attrici tispjega li l-konvenut ilu ma jitlob biex jara t-tfal kemm ilhom ma baqghux jghixu flimkien, cioe` iktar minn sena ilu, u qatt ma jsaqsi ghalihom oltre li hadd mit-tfal ma jsaqsi ghal missierhom. Darba qalilha biex tehodlu t-tfal ghand ommu fejn joqghod izda ghalkemm l-attrici marret bit-tfal, ma fetah hadd. Hija tixtieq li kemm-il darba l-konvenut jibqa’ bil-problemi mal-pulizija dwar drogi u prostituzzjoni, tali access jekk huwa jitolbu jkun taht supervizjoni.

Dwar assi akkwistati waqt iz-zwieg, l-attrici tghid li l-partijiet ma xtraw xejn. Il-flat gewwa 32, Flat 2 Triq iz-Zebbug Haz-Zebbug xtrawh flimkien qabel iz-zwieg u skond l-istima li kisbet l-attrici, il-valur tieghu llum huwa stmat fis-somma ta’ €130,000. Il-kirja tal-hanut tax-xaghar “T's Unisex Hair Studio” li jinsab 39 Triq Doni 1-Qadima, Rabat, Malta, kienet ghandha minn qabel iz-zwieg u kull ma fih kollu inxtara qabel iz-zwieg. Thallas kera ta’ 60 Euro fix-xahar.

Finalment, l-attrici tispjega illi r-ripagamenti tas-self bankarju li hadu l-partijiet ghall-akkwist tad-dar gewwa Haz Zebbug, hallsithom dejjem hi kif juru li statements bankarji esebiti, u dan sew qabel iz-zwieg u anke wara li zzewgu fis-27 ta' Awissu 2017. Tghid li b’kollox hija hallast house loans u home insurance qabel iz-zwieg fis-somma ta' **€6,916.19c** u mid-data taz-zwieg ‘l hawn hallset house loans u home insurance is-somma ta' **€4,587.19c** sal-21 ta' Mejju 2017. L-attrici tghid ikoll li hallset il-karozza BMW lir-ragel qabel iz-zwieg. Din il-karozza illum ma ghadhiex ghandu u xtraha qabel iz-zwieg u hu ha loan mil-bank izda kienet l-attrici li kienet thallaslu r-ripagamenti tas-self bankarju.

L-attrici trid li tigi assenjata sehem il-konvenut mill-flat taghhom gewwa Haz Zebbug ghaliex huwa ghandu problema tad-droga u taf li jekk il-konvenut jigi assenjat xi haga dan jonfoqhom droga. Izda iktar minn hekk, skont l-attrici tixtieq li tigi assenjata 1-post bid-dejn li ghandu ghaliex il-konvenut ghandu jaghtiha iktar minn sehmu mill-valur tad-dar.

**Xehdet ukoll omm l-attrici, Rita Tanti** permezz ta’ Affidavit, fejn spjegat illi meta hija ltqghet ma' X R H, qatt ma riedet lit-tifla tkompli mieghu u dan ghax kienet taf li hu bniedem sfrattat u jhawwad. Izda t-tifla ghamlet ta’ rasha. Tghid li T kellha zewgt itfal qabel ma zzewget lill-konvenut izda lit-tifla ma ridithiex

tizzewgu u dan ghax huwa kellu 1-vizzju tad-drogi u ghazzien ghax dejjem rieqed. Tispjega wkoll li l-konvenut qatt ma kien jghin lit-tifla taghha u lit-tfal T rabbiethom wahedha mill-hanut tax-xahar li ghandha r-Rabat stess. Skont ix-xhud, meta l-attrici tkun il-hanut xoghol, it-tfal izzommhom hi u dan minn mindu twieldu.

Meta kienu xtraw il-post Haz-Zebbug, omm l-attrici tghid li kienet qalet lit-tifla biex taghmlu fuq isimha biss izda 1-bank ma tahiex loan fuq isimha u kellha tnizzel isem il-konvenut biex ikunu jistghu jiehdu 1-house loan. Madanakollu, it-tifla dejjem hallset ir-ripagamenti hija stess u l-konvenut ma hallas xejn. Huma ghamlu sentejn jghixu ma' omm l-attrici qabel izzewgu u skond ix-xhud, il-konvenut kien ikun dejjem rieqed. Qabel, il-partijiet kienu ghamlu seba' snin jghixu mal-genituri tal-konvenut 1-Imtarfa. Kemm damu ma' omm l-attrici, hi tghid li l-konvenut qatt ma taha xejn ghall-hajja ghalkemm iz-zewgt itfal kienu diga' twieldu. Tghid li l-partijiet kienu jiggieldu ghax lit-tifla taghha il-konvenut qatt ma kien jaghtiha flus ghall-hajja.

Meta T qaltilha li ser jizzewgu, ommha tghid li hadet xokk kbir u baqghet tghid lit-tifla sa l-ahhar biex ma tizzewgux. Skont ix-xhud, T qaltilha li jekk tidhollha mara fin-nofs hi tkun lesta titlaq lill-konvenut. Meta zzewgu marru jghixu fid-dar taghhom Haz-Zebbug u ghamlu biss hmistax-il gurnata flimkien ghax il-konvenut mal-ewwel garr kollox ghand ommu. It-tifla kienet tghidilha li zewgha qatt ma fittixha f'dan iz-zmien. Taf li T marret ghand omm il-konvenut tibkilu biex imorru 1-honeymoon flimkien ghax kien ilu bbukkjat u mhallas minn sena qabel, u marru 1-honeymoon cruise. Ix-xhud marret maghhom ghax dak kien il-pjan. Fil-honeymoon il-konvenut qatt ma mar maghhom fuq 1-excursions u dejjem kien jibqa' rieqed u 1-hin kollu jiggieled ma' T. Tispjega wkoll li T qaltilha wkoll li l-konvenut lanqas biss resaq lejha u ma riedx jaf biha waqt il-cruise.

Ix-xhud tkompli tghid li meta gew lura mill-cruise, gie habib tal-konvenut ghalih u mar joqghod ghand ommu ghax ma riedx jaf aktar biz-zwieg. Xi xahar wara semghet fl-ahbarijiet li lil X ressquh il-Qorti ghax kellu attivitajiet sesswali ma' tifla ta' erbatax-il sena u T ukoll semghathom 1-ahbarijiet u minn dakinhar bdiet is-separazzjoni. Lix-xhud il-konvenut qatt ma kellimha mill-cruise 'l hawn.

**David Agius** ukoll xehed f'din il-kawza permezz ta' Affidavit. Jghid li kien mizzewweg lil oht l-attrici u qal illi huwa kien il-bestman fit-tieg ta' T u X. Kien ilu jaf lill-familja taghha xi sitt snin u lil X kien jafu meta T bdiet tohrog mieghu. Jaf li X ghandu kawza kriminali izda l-konvenut qatt ma kellmu dwarhom. Meta sar jaf li kienu ser jizzewgu huwa haseb li kienu ser jaghmlu gennata ghaliex il-konvenut mhux bilghaqal u dejjem kien jara lil T tiehu hsieb kollox. Jghid li T kienet tahdem hafna izda l-konvenut ma kienx jarah jahdem. Ix-xhud jghid ukoll li meta l-attrici qaltlu li X mar ma' tifla ta' 14-il sena u ressquh il-Qorti dwar dan,

huwa nhasad ghaliex qatt ma basar li l-konvenut ser jasal s'hemm. Finalment jghid li kull meta kien jiltaqa' mal-konvenut qatt ma kien ikellmu dwar iz-zwieg tieghu ma' l-attrici u lanqas dwar il-kawzi kriminali li kellu, izda kien jghidlu li jahdem xoghol bla ktieb mid-dar ta' ommu u missieru, fejn jaghmel it-tattoos.

<u>*Provi Ohra*</u>

Il-Qorti semghet ukoll[2] ix-xhieda ta' Carmel Abela u ta' Joanna Bartolo li xehdet in rapprezentanza tas-socjeta` Bank of Valletta plc, u d-dokumenti minnhom esebiti[3] kif ukoll id-dokumenti kollha esebiti mill-attrici u rat ukoll ix-xhieda li xedhu fl-atti tar-rikors ta' l-attrici ghall-waqfien tal-komunjoni ta' l-akkwisti.

<u>**Htija ghat-tifrik taz-Zwieg**</u>

Permezz tal-proceduri odjerni, l-attrici qed titlob li l-Qorti tiddikjara li ghat-tkissir taz-zwieg jahti unikament il-konvenut, izda ma tindikax l-addebiti tal-htija li ghandu jigi misjub hati taghhom.

In tema legali, il-Kodici Civili tiddisponi kif gej dwar l-obbligi tal-mizzewgin lejn xulxin:-

**2.** *(1) Il-liġi tippromwovi l-għaqda u l-istabbilità tal-familja.*
*(2) Il-miżżewġin għandhom jeddijiet indaqs u jerfgħu responsabbiltajiet indaqs matul iż-żwieġ tagħhom. Għandhom id-dmir li jkunu fidili lejn xulxin u li jieqfu ma' xulxin kemm moralment kif ukoll materjalment.*

**3.** *Il-partijiet fiż-żwieġ għandhom l-obbligu, kull waħda minnhom skont il-mezzi u l-ħila tagħhom, li jaħdmu kemm jekk fid-dar kif ukoll barra mid-dar kif jinħtieġu l-interessi tal-familja, li jmantnu lil xulxin u li jikkontribwixxu għall-ħtiġiet tal-familja.*

Fost l-addebiti tas-separazzjoni personali bejn il-mizzewgin, wiehed isib is-segwenti dispozizzjonijiet:-

**38.** *Kull parti miżżewġa tista' titlob il-firda minħabba l-adulterju tal-parti l-oħra.*

**40.** *Kull waħda mill-persuni miżżewġin flimkien tista' titlob il-firda minħabba eċċessi, moħqrija, theddid jew offiżi gravi tal-parti l-oħra kontra l-attur, jew kontra xi wieħed jew ieħor mit-tfal tiegħu, jew minħabba li l-ħajja flimkien ma tkunx għadha possibbli għax iż-żwieġ ikun tkisser irremedjabilment:*

[2] Udjenza tas-7 ta' Novembru 2017.
[3] Dok. Q1 sa Q3, u Dok. BOV1 sa BOV11, a fol. 72 *et seq.*

*Iżda ma tistax tintalab firda minħabba li l-ħajja flimkien ma tkunx ghadha possibli ghax iz-zwieg ikun tkisser irremedjabilment qabel ma jgħaddu erba' snin mid-data taż-żwieġ, u iżda wkoll, il-qorti tista' tiddikjara l-firda għal dik ir-raġuni minkejja li, sew qabel jew wara l-bidu fis-seħħ ta' dan l-artikolu ebda waħda mill-persuni miżżewġin flimkien ma tkun għamlet it-talba għal dik ir-raġuni.*

**41.** *Kull waħda mill-partijiet miżżewġa tista' wkoll titlob il-firda jekk, għal sentejn jew iżjed, tkun abbandunata mill-oħra, mingħajr raġuni tajba.*

In tema generali, dwar l-addebiti skont l-Art. 40 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fis-sentenza tagħha tas-27 ta' Novembru 2003 fl-ismijiet ***Maria Dolores sive Doris Scicluna vs Anthony Scicluna***, riteniet illi:-

***"****Biex il-Qorti taccetta dawn ir-ragunijiet, jew kwalsiasi wahda minnhom, trid tara li dawn ikunu tali li jirrivestu l-azzjoni proposta u min jaghmilhom hu hati taghhom. Il-kwistjoni hi wahda ta' fatt imhollija fil-valutazzjoni ta' min irid jiggudika, izda meta jirrizultaw, ghandhom indubbjament jifformaw motiv ta' separazzjoni in kwantu jirrendu l-konvivenza komuni difficli jekk mhux impossibbli. Illi 'noltre il-Qorti tirrileva li kif inhu pacifiku "perche` il coniuge offeso possa domandare la separazione contro il coniuge colpevole non e`necessario che concorrono gli eccessi, le sevizie, le minaccie, e le ingiurie gravi, <u>ma qualunque di tale cause da sola basta</u>, perche`sia tale da violare profondamente i riguardi della convivenza coniugale" –* ***"Elisa Thompson vs Edward Thompson"*** *(Prim'Awla tal-Qorti Civili, 12 ta' Mejju 1925);"* [sottolinejar ta' din il-Qorti]

Huwa sinifikanti li jigi senjalat li teżisti distinzjoni bejn eċċessi u sevizzi. Il-Fadda jgħallem illi:-

*"Sono "eccessi" tutti quegli atti di violenza che eccedono ogni misura e che possono mettere in pericolo la vita del coniuge".*[4]

Mill-banda l-oħra:-

*"Sevizie sono quegli atti di crudelta' verso il coniuge che, se non ne mettono in pericolo la vita, nondimeno quasi quotidianamente lo tormentano".*[5]

Baudry Lacantinerie jikkonferma illi:-

*Gli eccessi sono atti di violenza compiuti da uno dei coniugi verso l'altro e che*

[4] Giurisprudenza, Art.150, para. 214.

[5] Giurisprudenza, Art.150, para. 241.

*possono porre in pericolo la salute e per fino la vita della vittima. Le sevizie rappresentano una attenuazione degli eccessi. Consistono in cattivi trattamenti, in vie di fatto che, pur senza minacciare la vita o la salute, rendono pero' insopportabile la coabitazione".*[6]

Fis-sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell fil-kawza ***Giuseppa Agius vs. Pacifiko Agius*** deciza fl-10 ta' Dicembru 1951, gie dikjarat illi:-

*"Huma sevizzji dawk l-atti abitwali li joffendu l-persuna u l-animu tal-konjugi li lilu huma diretti, u li jaslu biex joholqu ezarcerbazzjoni f'dak il-konjugi hekk offiz, u avverzjoni profonda ghall-konjugi l-iehor li jikkommetti dawk l-atti."*

Fil-kawza fl-ismijiet ***Maria Mifsud vs Vincenzo Mifsud*** deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-30 ta' Gunju 1961, ntqal li *"Certi fatti, kliem u modi ta' azzjoni jew atteggjamenti illi jistghu jirrendu l-hajja komuni insopportabbli, huma ritenuti mid-dottrina bhala sevizzi".*

Fis-sentenza tagħha tal-15 ta' Diċembru 2015 fl-ismijiet ***Jayne Margaret Chetcuti vs. Lawrence Chetcuti***, il-Qorti tal-Appell qalet li *"... mhux kull nuqqas da parti ta' konjuġi versu l-konjuġġi l-ieħor jwassal għal sevizzi, minaċċi jew inġurja gravi fit-termini tal-Artikolu 40 tal-Kodiċi Ċivili u huma biss dawk in-nuqqasijiet li, magħmula ripetutament u abitwalment, iweġġgħu u jferu lill-konjuġi sal-grad li l-konvivenza matrimonjali ssir waħda diffiċli u insapportabbli. Kif jinsab ritenut fil-ġurisprudenza patria: "Per sevizie nel senso della legge s'intendono atti abituali di crudelta' che offendono la persona o l'animo di colui e sono diretti al punto da ingenerare in lui perturbazione, un dolore ed un aversione verso chi commette tali atti. [PA Camilleri utrinque, 16 Marzu 1898]."* [sottolinejar ta' din il-Qorti]

Dwar ingurji gravi, jinghad illi:-

*"... l-ingurji gravi ma gewx specifikament dezinjati mid-duttrina, imma l-karattru generali taghhom gie dejjem imholli fis-sagacja u l-kuxjenza ta' l-Imhallef sabiex jivvalutahom"*[7]

Finalment, fir-rigward ta' l-addebitu ta' adulterju intqal:-

"*Illi kif tajjeb osservat din il-Qorti fis-sentenza tagħha tas-16 ta' April 1953 fil-kawża fl-ismijiet "Rita Spiteri vs Avukat Dr. Albert V. Grech et noe". (P.A. (C.C.)*

[6] Trattato Teorico Pratico di Diritto Civile, Delle Persone, Vol.IV, para. 35.

[7] ***Marthese Vella pro et noe vs. George Vella*** – Prim'Awla, deciza 28 ta' Frar 2003.

*Kollez. XXXVII.II.693) l-adulterju "hija bla dubju l-kawża l-iżjed gravi li għaliha l-liġi tawtorizza s-separazzjoni personali; iżda, stante d-diffikulta' tal-prova, kif turi l-assenza ta' dispozizzjoni leġislattiva li tillimita din il-prova, huwa ormai paċifiku fid-dottrina u fil-ġurisprudenza li l- adulterju jista' jkun pruvat per mezz ta' indizzji u preżunzjonijiet, purche' dawn ikunu gravi, preċiżi u konkordanti, b'mod li ma jħallu ebda dubju f'min għandu jiġġudika". ("Rosina Micallef vs Angelo Micallef" P.A. - 27 ta' Gunju 1964.)"*[8] [Sottolinejar ta' din il-Qorti]

Il-Qorti tosserva li ghalkemm il-partijiet kienu ilhom jghixu flimkien ghal diversi snin u kellhom zewgt itfal minn din ir-relazzjoni qabel iz-zwieg, ma damux iktar minn hmistax-il gurnata jghixu flimkien wara z-zwieg. Il-partijiet izzewgu fis-27 ta' Awwissu 2016 u din il-kawza giet istitwita mill-attrici wara ftit inqas minn disa' xhur ta' zwieg, filwaqt li l-attrici talbet il-ftuh ta' proceduri ta' medjazzjoni permezz ta' ittra pprezentata fit-2 ta' Frar 2017 cioe` wara inqas minn sitt xhur miz-zwieg.

Skond kif xehdet l-attrici korroborata minn ommha Rita Tanti, wara hmistax-il gurnata mit-tieg, il-konvenut telaq mid-dar matrimonjali u mar jghix ghand ommu. Jirrizulta wkoll illi l-konvenut mhux talli ma regax mar jghix ma' l-attrici, talli ma baqa' jkun hemm ebda kuntatt bejn il-partijiet, lanqas ghall-finijiet ta' access ghall-minuri ghaliex il-konvenut qatt ma talab biex jara lil uliedu minn meta telaq mid-dar.

Fic-cirkostanzi, wara li qieset il-verzjoni ta' l-attrici u tax-xhieda taghha, il-Qorti ma ghandha ebda diffikolta` kwalsiasi tiddetermina illi l-unika htija ghat-tifrik ta' dan iz-zwieg tinsab fl-agir tal-konvenut. Ghalkemm il-Qorti ma tistax taddebita lill-konvenut htija minhabba abbandun u ma tista' lanqas tiddikjara l-firda minhabba li iz-zwieg bejn il-partijiet tkissret irrimedjabbilment minabba l-fatt li l-partijiet lanqas ilhom sentejn li zzewgu, huwa evidenti illi l-komportament tal-konvenut versu l-attrici kien wiehed manifestament sevizzjevoli.

L-attrici xehdet li meta l-partijiet kienu msefrin fuq il-honeymoon, il-konvenut lanqas resaq lejha u ma fittixhiex ghaliex il-hin kollu rieqed jew inkella miggieled maghha. Ix-xhieda ta' Rita Tanti li akkumpanjat lill-partijiet fuq din is-safra, tikkonforta pjenament il-verzjoni ta' l-attrici fir-rigward. L-attrici spjegat ukoll li fil-ftit jiem li l-partijiet damu jghixu flimkien fid-dar ta' Haz Zebbug immedjatament wara z-zwieg, il-konvenut ma riedx jaf biha lanqas.

Il-Qorti kkunsidrat ukoll l-allegazzjoni li ghamlet l-attrici ripetutament waqt ix-xhieda taghha illi l-konvenut ghandu l-vizzju tad-droga. L-attrici xehdet li

[8] Maria Dolores sive Doris Scicluna v. Anthony Scicluna, Qorti Ċivili, Prim'Awla, 27 ta' Novembru 2003.

ghalkemm kienet ghamlitha cara lill-konvenut li kienet ser izzewgu bil-kundizzjoni li jattendi programm ta' rijabilitazzjoni, il-konvenut ma ghamel xejn biex jeghleb il-vizzju. Omm l-attrici, li l-partijiet kienu ghamlu sentejn jghixu maghha qabel izzewgu, ukoll xehdet dwar il-vizzju tad-droga li kellu l-konvenut. Mill-provi huwa stabbilit ukoll illi l-konvenut kien instab hati ta' diversi reati kriminali bejn is-snin 2007 u 2010 fosthom serq u pussess ta' droga[9]. Fil-fehma tal-Qorti, dan l-agir tal-konvenut, maghdud mieghu wkoll il-fatt illi l-konvenut waqt iz-zwieg ma ta ebda forma ta' assistenza u ghajnuna lill-attrici la finanzjarja u lanqas morali, jirrendi l-agir tieghu versu martu l-attrici xejn inqas minn gravament ingurjuz. Fl-isfond tat-taghlim gurisprudenzjali fuq citata, il-Qorti ma tqisx li hemm xi prova ta' eccessi kommessi mill-konvenut fil-konfront ta' martu.

Rigward adulterju tal-konvenut, ghalkemm l-attrici xehdet li wara li telaq mid-dar matrimonjali, huwa kien qed johrog ma' certu Nicole Degaetano, u wara ma' certu Jessica Pisani, il-Qorti ma tqisx illi tressqu provi sufficjenti biex il-konvenut jista' jigi addebitat htija ghall-firda minhabba l-adulterju. Wara kollox, dawn l-allegazzjonijiet, apparti li huma evidentement *detto del detto*, ma gewx sorretti minn provi ohrajn. Jinghad ukoll li ghalkemm mic-citazzjoni esebita fis-seduta tas-6 ta' Lulju 2017 fl-atti tar-rikors ta' l-attrici ghall-waqfien tal-komunjoni ta' l-akkwisti bejn il-partijiet, jirrizulta li l-konvenut gie mixli b'akkuzi li bejn Marzu 2017 u Mejju 2017 gieghel jew hajjar lill-imsemmija Jessica Pisani ghall-prostituzzjoni, liema kawza ghadha pendenti, il-Qorti ma tqisx illi b'daqshekk jista' jigi stabbilit b'mod preciz l-adulterju da parti tal-konvenut.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tqis illi ghat-tkissir taz-zwieg huwa unikament hati l-konvenut minhabba sevizzi u ingurji gravi, u ghall-finijiet ta' l-ewwel talba attrici, id-data li minnha l-konvenut qed jigi kkunsidrat hati tal-firda qed tigi stabbilita bhala l-15 ta' Settembru 2016, ossia d-data meta l-konvenut jidher li telaq definittament mid-dar matrimonjali.

**<u>Applikazzjoni tas-Sanzjonijiet Kontemplati mill-Artikolu 48</u>**

Fic-cirkostanzi ta' sevizzi u ingurji gravi li gew identifikati fl-agir tal-konvenut versu martu l-attrici, u b'applikazzjoni tad-dispozizzjonijiet ta' l-Artikolu 51 tal-Kodici Civili, il-Qorti sejra tapplika s-sanzjonijiet kollha kontemplati fl-Artikolu 48(1) fil-konfront ta' l-istess konvenut u ghall-finijiet ta' l-Artikolu 48(1)(c) qed jigi deciz li l-konvenut iddekada mid-dritt tieghu ghall-akkwisti li jkunu saru iktar bil-hidma ta' l-attrici, mill-15 ta' Settembru 2016. In vista tal-fatt li ma ngabet ebda prova li l-attrici tahti b'xi mod ghall-firda, dawn is-sanzjonijiet qed jigu applikati biss fil-konfront tal-konvenut.

[9] Vide xhieda ta' Carmel Abela fis-seduta tas-7 ta' Novembru 2017, u s-sentenzi minnu esebiti a fol. 82 *et seq*.

**Kura u Kustodja tal-Minuri**

L-Artikolu 56 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta intitolat "*Hsieb tal-Ulied wara il-Firda*" jipprovdi illi:-

*(1) Meta taghti s-sentenza tal-firda, il-Qorti ghandha tordna wkoll lil liema wahda mill-partijiet ghandha tigi fdata il-kustodja tat-tfal u l-konsiderazzjoni ewlenija tkun il-gid tal-ulied.*
*(2) Il-Qorti tista', jekk tqis li dawk il-mizuri jkunu tassew mehtiega, u wara li tqis ic-cirkostanzi kollha rilevanti, tordna li l-ulied jitqieghdu taht il-kustodja ta' persuna in loco parentis ta' terzi jew f'xorta ohra ta' kura.*
*(3) Il-Qorti tista' taghti dawk l-ordnijiet fis-sentenza tal-firda, ghalkemm fl-azzjoni ghaliha ma tkun saret l-ebda talba, dwar il-kustodja tal-ulied.*
*(4) Il-Qorti tista', f'kull zmien, tirrevoka jew tbiddel dawk l-ordnijiet dwar l-ulied, meta l-interessi tal-ulied hekk jitolbu.*
*(5) Il-Qorti tista' barra dan, meta c-cirkostanzi hekk jehtiegu, tistabbilixxi li xi hadd mill-genituri jew it-tnejn ikunu michuda mill-jeddijiet tal-awtorita' tal-genituri ghal kollox jew f'parti.*

Mill-provi jirrizulta li l-partijiet ghandhom zewgt itfal minuri, F ta' hames snin u K ta' tliet snin. Skont l-attrici, il-konvenut ilu ma jara lil uliedu kemm ilu li telaq mid-dar matrimonjali xi hmistax wara t-tieg u minn dakinhar 'l hawn, ma talabx li jarahom lanqas hlief ghal darba meta talab lill-attrici tiehu lit-tfal ghandu ommu biex jarahom, izda meta marret ma kien hemm hadd. Jidher li l-konvenut ma ghamel ebda tentattiv iehor, lanaqas tramite l-Qorti, biex ikollu access ghal uliedu la b'supervizjoni u lanqas minghajr supervizjoni. Iz-zewg minuri baqghu jghixu flimkien ma' ommhom l-attrici u ma jidhrix li sal-lum is-sitwazzjoni inbidlet.

Jirrizulta wkoll illi llum, il-minuri, hlief ghan-nuqqas assolut tal-presenza ta' missierhom f'hajjithom, jinsabu f'hajja pjuttost stabbli jghixu ma' ommhom u jidher li hemm ukoll presenza kostanti tan-nanna materna f'hajjithom li tiehu hsieb il-minuri meta l-attrici tkun xoghol.

Fil-kawza fl-ismijiet ***Francienne Fenech vs Alexander sive Sandro Fenech*** deciza mill-Qorti tal-Appell fid-29 ta' April 2016, il-konvenut appella mis-sentenza moghtija in Prim' Istanza li kienet affidat il-kura u kustodja tal-minuri esklussivament f'idejn l-omm. Il-Qorti ta' l-Appell iccitat b'approvazzjoni dak riportat fis-sentenza tal-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) fil-kawza numru 277/2012 fl-ismijiet ***Scott Schembri vs Dorianne Polidano*** deciza fit-30 ta' April 2015, fejn il-posizzjoni legali korretta u stabbilita fil-gurisprudenza f'kazijiet ta' determinazzjoni ta' kura u kustodja tal-minuri u modalita' ta' access favur il-minuri giet deskritta bil-mod segwenti:-

"*In tema legali issir riferenza ghas-sentenza moghtija fit-3 ta' Ottubru 2008 fl-ismijiet Miriam Cauchi vs Francis Gauci fejn il-Qorti tal-Appell iddikjarat illi fejn il-genituri ma jitkellmux talba ghall-kustodja kongunta ghandha tigi skartata mill-Qorti. Din il-Qorti filwaqt li tiddikjara li taqbel ma' tali pronunzjament izzid illi l-istess principju japplika fejn iz-zewg genituri m'humiex kapaci jitkellmu b'mod civili ma' xulxin li l-kura u kustodja ma ghandhiex tkun kongunta ghalhiex immankabilment tkun sors ta' litigji ulterjuri b'detriment serju ghall-benessere tal-minuri.*"

Fic-cirkostanzi huwa eskluz kull ipotesi illi l-kura u kustodja tal-minuri tista' tkun fdata liz-zewg genituri konguntivament. Il-konvenut kjarament mhux interessat li jkollu rapport ma' uliedu ahseb u ara li jkun fdat b'xi responsabbilita` ghall-kura taghhom wara li evidentement abdika b'mod assolut mid-dmirijiet tieghu ta' genitur. Apparti li ma juri ebda interess kwalsiasi f'uliedu, lanqas dwar l-edukazzjoni taghhom, jirrizulta pjuttost evidenti mill-provi akkwiziti illi l-konvenut m'huwiex bniedem affidabbli. Il-Qorti hija wkoll ferm imhassba dwar l-akkuzi li jinsab mixli bihom il-konvenut fil-prezent, u tenut kont tas-serjeta` taghhom, tqis illi ghandha tipprovdi minn issa, <u>irrispettivament mit-talbiet li saru jew ma ma sarux f'din il-kawza</u>, illi fic-cirkostanzi l-konvenut ma ghandux jinghata xi access lil uliedu fil-prezent.

Ghalkemm b'daqshekk il-Qorti m'hijiex qieghda tipprekludi b'mod permanenti kull kuntatt bejn il-missier u l-minuri, hija konvinta li dan ma jistax isehh qabel il-konvenut ma jurix talanqas ir-rieda li jixtieq li jerga' jistabbilixxi kuntatt ma' uliedu, <u>u</u> jattendi wkoll ghal laqghat professjonali ta' terapija. Il-Qorti tqis illi f'dan il-kaz it-terapija hija essenzjali sabiex il-konvenut jifhem li ghandu rwol ta' missier li ghandu jkun responsabbli lejn uliedu, u hija wkoll l-uniku mod kif jista' jigi stabbilit il-kuntatt bejn il-missier u l-minuri li hija kompletament nieqsa f'dan il-kaz tant li skont l-attrici l-minuri lanqas jistaqsu ghal missierhom. F'kull kaz, kwalsiasi access ma jistax jibda jigi ezercitat hlief taht supervizjoni.

F'dawn ic-cirkostanzi ma hemmx dubju fil-fehma tal-Qorti illi huwa fl-ahjar interess tal-minuri illi l-kura u kustodja ordinarja tal-minuri tigi fdata esklussivament lill-attrici u illi l-minuri jibqghu joqghodu bhala residenza principali taghhom, ma' l-attrici. Fic-cirkostanzi, hija wkoll il-fehma tal-Qorti li jezistu, talanqas f'dan l-istadju, l-estremi sabiex il-missier jigi eskluz ukoll mid-decizjonijiet fil-konfront ta' uliedu li jirrigwardaw l-edukazzjoni kif ukoll decizjonijiet ordinarji dwar is-sahha tal-minuri, izda mhux ukoll dwar safar.

Ghaldaqstant il-Qorti qed tiddeciedi illi filwaqt li l-kura u kustodja taz-zewgt uliedu minuri tal-partijiet F u K ahwa R H tkun esklussivament f'idejn ommhom, l-istess attrici ghandha tiehu wahedha dawk id-decizjonijiet ordinarji u straordinarji rigward l-edukazzjoni tal-minuri, kif ukoll decizjonijiet ordinarji dwar sahha tal-minuri. Il-konvenut ghandu d-dritt f'kull kaz li jircievi t-taghrif

kollu dwar l-edukazzjoni tal-minuri. Madanakollu, decizjonijiet straordinarji li jirrigwardaw is-sahha tal-minuri, kif ukoll decizjonijiet dwar safar tal-minuri ghandhom jittiehdu flimkien miz-zewg genituri. Fin-nuqqas ta' ftehim isir rikors lill-Qorti.

**Manteniment ghall-Minuri**

Dwar l-obbligi ta' manteniment tal-ulied ta' genituri li ma jghixux flimkien, issir referenza ghall-provvedimenti legali fil-Kodici Civili li jipprovdu dwar il-manteniment tal-ulied f'kas ta' firda tal-genituri mizzewgin:-

**L-Artikolu 3B** jipprovdi hekk:-

***3B.*** *(1) Iż-żwieġ jimponi fuq il-miżżewġin l-obbligu li jieħdu ħsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw lill-ulied li jiġu miż-żwieġ skont il-ħila, xeħtiet naturali u aspirazzjonijiet tal-ulied.*

*(2) L-obbligu li l-ġenituri għandhom li jipprovdu l-manteniment skont is-subartikolu (1) jinkludi ukoll l-obbligu illi, skont il-mezzi tagħhom, u fejn ma jkunx raġonevolment possibbli li l-ulied, jew min minnhom, imantnu lilhom infushom kif xieraq, ikomplu jipprovdu manteniment adegwat lill-ulied:*
*(a) li jkunu studenti li qegħdin jipparteċipaw f'edukazzjoni, taħriġ jew tagħlim full-time u huma taħt l-età ta' tlieta u għoxrin sena; jew*
*(b) li jkollhom diżabilità, kif imfissra fl-Att dwar Opportunitajiet Indaqs għal Persuni b'Diżabilità,kemm jekk hija fiżika jew mentali.*

**L-Artikolu 54** jipprovdi hekk:-

***54.*** *(1) Il-parti li kontra tagħha tinqata' l-firda mhix meħlusa, minħabba dik il-firda, mill-obbligu tal-manteniment tal-parti l-oħra, meta dan il-manteniment ikollu jinghata skond id-dispożizzjonijiet tas-Sub-titolu I ta' dan it-Titolu.*

*(2) L-ammont tal-manteniment imsemmi fis-subartikolu (1), kif ukoll il-manteniment dovut lill-ulied f'kas ta' firda, jigi stabbilit billi jitqiesu l-mezzi tal-mizzewgin, il-hila taghhom li jahdmu u l-bzonnijiet taghhom, u ghandhom jitqiesu ukoll ic-cirkostanzi l-ohra kollha tal-mizzewgin u tal-ulied, inkluz dan li gej:*

*(a) il-bzonnijiet tal-ulied, wara li jkunu tqiesu ic-cirkostanzi kollha taghhom;*
*(b) xi dizabilita', kif imfissra fl-Att dwar l-Opportunitajiet Indaqs ghal Persuni b'Dizabilita', kemm jekk hija fizika jew mentali;*

*(c) cirkostanzi ta' mard li tant ikunu serji u gravi li jikkompromettu l-kapacita' tal-mizzewgin jew ta' l-ulied li jmantnu lilhom infushom;*

…

*(e) kull qligh jew beneficcju li l-mizzewgin, jew min minnhom, jircevu skont il-ligi, minbarra kull ghanuna socjali li mhix kontributorja lit kun qed tithallas lilhom taht l-Att dwar is-Sigurta' Socjali;*

…

*(f) il-htigijiet ghall-akkomodazzjoni tal-mizzewgin u tal-ulied;*

*(4) Il-Qorti fl-ghoti tal-manteniment tista' tipprovdi ukoll ghall-mod ta' kif dan jista' jawmenta minn zmien ghal zmien.*

Il-Qrati taghna konsistentement irritenew illi l-quantum tal-manteniment tal-minuri pagabbli mill-genitur li m'ghandux il-kustodja tal-minuri, jigi stabbilit wara apprezzament li l-Qorti trid taghmel tal-fatti migjuba quddiemha fid-dawl tal-provvedimenti legali appena citati.

In segwitu ghad-decizjoni gja` mehuda f'dan il-kaz li l-minuri ghandhom jibqghu jirrisjedu ma' ommhom l-attrici, il-Qorti tqis illi l-konvenut ghandu jhallas manteniment lill-attrici ghaz-zewgt uliedhom minuri. Il-Qorti tosserva li l-attrici naqset milli tressaq provi dwar l-introjtu taghha u dwar l-ispejjez li taghmel koncernanti il-minuri, u lanqas gabet xi prova dwar l-introjtu tal-konvenut. Madanakollu, il-Qorti hija tal-fehma li dan in-nuqqas ma jistax u ma ghandux jillibera lill-konvenut mill-obbligu fondamentali tieghu li jikkontribwixxi ghall-manteniment ta' uliedu u ghalhekk tqis illi f'kull kaz ghandha tigi likwidata retta alimentari xierqa bhala sehem il-konvenut mill-manteniment ta' uliedu minuri.

Minhabba li ma jidhrix li hemm rapport bejn iz-zewg genituri, u minhabba li jirrizulta illi l-konvenut qatt ma kkontribwixxa ghall-manteniment ta' uliedu b'ebda mod u lanqas hallas xi sehem mill-ispejjez edukattivi taghhom, il-Qorti hija wkoll tal-fehma li jkun ahjar li tistabbilixxi somma wahda bhala manteniment ghall-minuri li tkun tigbor fiha wkoll il-kontribuzzjoni tal-konvenut ghall-ispejjez kollha ta' edukazzjoni u sahha tal-minuri, ghajr ghal spejjez straordinarji konnessi mas-sahha tal-minuri.

Qed jigi ghalhekk deciz li l-konvenut ghandu jhallas lill-attrici s-somma ta' mija u sebghin Euro (€170) fix-xahar ghal kull wild, liema somma tinkludi fiha l-ispejjez kollha ta' edukazzjoni u spejjez ordinarji ta' sahha u medicina tal-minuri, liema somma ghandha tizdied kull sena fl-anniversarju ta' din is-sentenza skond iz-zieda fl-indici ta' l-gholi tal-hajja, u tibqa' tithallas anke wara li l-minuri jaghlqu 18-il sena jekk jibqghu jistudjaw full-time, u dan sakemm jaghlqu 23 sena.

**<u>Komunjoni ta' l-Akkwisti u Beni Ohrajn</u>**

L-attrici talbet ix-xoljiment tal-komunjoni ta' l-akkwisti u l-likwidazzjoni taghha f'zewg porzjonijiet u, tenut kont ta' l-applikazzjoni fil-konfront tal-konvenut is-sanzjonijiet kontemplati fl-Artikolu 48(1)(c), talbet ukoll, *inter alia*, illi s-sehem tal-konvenut mill-istess komunjoni jigi assenjat lilha bhala tpacija tal-krediti parafernali u krediti ohra dovuti lilha, stante wkoll li l-konvenut mhux persuna affidabbli u ghandu l-vizzju tad-droga. Il-Qorti tosserva li l-komunjoni ta' l-akkwisti bejn il-partijiet diga` giet imwaqqfa permezz tas-sentenza moghtija fis-26 ta' Settembru 2017.

*Dar matrimonjali gewwa 32, Flat 2, Triq iz-Zebbug, Haz-Zebbug*

Il-fond matrimonjali gie akkwistat mill-partijiet flimkien qabel iz-zwieg taghhom permezz ta' kuntratt in atti tan-Nutar Dr. Anthony Abela datat 24 ta' Jannar 2015[10], u ghalhekk ma jidholx fil-komunjoni ta' l-akkwisti bejn il-partijiet. Biex sar l-akkwist, il-partijiet hadu self bankarju minghand is-socjeta` Bank of Valletta plc u jirrizulta illi sat-2 ta' Ottubru 2017, kien ghad hemm pendenti debitu bilancjali ta' €107,942.13 dovut mill-partijiet bejniethom fil-kont bin-numru 40022981675[11].

Mill-atti jirrizulta wkoll illi r-ripagamenti fuq dan is-self bankarju fis-somma mensili ta' €359.82 ghamilthom dejjem l-attrici mill-kontijiet bankarji taghha. Ghall-bidu, ir-ripagamenti ta' dan is-self kienu jsiru mill-kont kongunt tal-partijiet bin-numru 40022086198[12], izda jirrizulta li d-depoziti li kienu jsiru gewwa dan il-kont kongunt kienu provenjenti dejjem mill-kont *savings* ta' l-attrici bin-numru 40018620995[13]. Minn Mejju 2015, ir-ripagamenti tal-*house loan* (Dok. BOV9) fis-somma mensili ta' €359.82 bdew isiru direttament permezz ta' *standing order* mill-kont bankarju ta' l-attrici Dok. BOV1, u dan sa Marzu 2016 meta beda jithallas l-ammont mensili awmentat ta' €427.27, izda dejjem mill-kont ta' l-attrici.

Ferm il-premess, jirrizulta ghalhekk illi b'kollox l-attrici hallset, qabel iz-zwieg bejn Frar 2015 u Lulju 2016, is-somma totali ta' <u>€6,814.00</u>[14] in linea ta' ripagamenti tas-self bankarju dovut miz-zewg partijiet ghall-akkwist tad-dar matrimonjali. L-attrici tghid ukoll li hallset wahedha d-depozitu fuq il-konvenju ghall-akkwist tad-dar matrimonjali, fis-somma ta' <u>€12,500</u>, u dan jirrizulta minn

[10] A fol. 23 *et seq*.
[11] Dok. BOV9 a fol. 152 *et seq*.
[12] Dok. BOV8 a fol. 151.
[13] Dok. BOV1 a fol. 94 *et seq*.
[14] €4,677.66 sa Frar 2016 (€359.82 fix-xahar), u €2,136.35 (€427.27 fix-xahar) bejn Marzu 2016 u Lulju 2016.

kopja ta' *cheque* esebita bhala Dok AZM1[15] li hareg mill-kont bankarju Dok. BOV1 ta' l-attrici fis-6 ta' Settembru 2014.

Minn ezami tal-kontijiet bankarji ta' l-attrici, jirrizulta li hija hallset ukoll is-somma komplessiva ta' €140[16] in linea ta' spejjez legali konnessi mal-kuntratt ta' akkwist tal-fond matrimonjali. Madanakollu, dwar is-somma ta' €800 li l-attrici tghid li hallset lin-Nutar ghall-kuntratt ta' akkwist, ma jirrizultax li tressqu provi biex juru li verament sar dan l-pagament mill-attrici.

Wara z-zwieg sal-lum, jidher li l-attrici hallset ukoll wahedha s-somma komplessiva ta' €7,263.59[17] in linea ta' ripagamenti tas-self bankarju ghall-akkwist tad-dar matrimonjali. Billi kif diga` deciz, il-konvenut iddekada minn sehemu ta' l-akkwisti li saru iktar bil-hila ta' l-attrici wara l-15 ta' Settembru 2015, il-konvenut lanqas jista' jibbenefika minn dawn mir-ripagamenti li saru waqt iz-zwieg mill-hidma ta' l-attrici, ghajr ghal dak ir-ripagament li ghamlet l-attrici wara d-data taz-zwieg f'Awwissu 2016 fis-somma ta' €427.77.

Jirrizulta wkoll minn ezami ta' l-istatements bankarji ta' l-attrici, li hija hallset ukoll is-somma komplessiva ta' €524.81 in linea ta' pagamenti dovuti fuq *home loan insurance* u assikurazzjonijiet fuq il-hajja konnessi ma' l-istess *home loan*.

Ghalhekk, il-Qorti tqis li l-attrici wahedha hallset b'kollox is-somma komplessiva ta' **€27,028.77** in konnessjoni ma' l-akkwist tad-dar matrimionjali.

In tema legali, il-Kodici Civili jipprovdi dwar l-ordnijiet li tista' taghti l-Qorti dwar id-dar taz-zwieg fis-sentenza tal-firda:-

***55A.*** *(1) Meta tagħti s-sentenza tal-firda, il-qorti għandha, fuq it-talba ta' xi waħda mill-partijiet, tordna, skont iċ-ċirkostanzi:*

*(a) li xi parti minnhom għandha toqgħod fid-dar taż-żwieġ, ad esklużjoni tal-parti l-oħra, u għal dak il-perjodu u taħt dawk il-kondizzjonijiet li l-qorti jidhrilha xierqa; jew*

*(b) li d-dar taż-żwieġ għandha tinbiegħ, fejn tkun sodisfatta illi ż-żewġ partijiet u uliedhom ser ikollhom akkomodazzjoni oħra xierqa, u li r-rikavat tal-bejgħ għandu jiġi assenjat lill-partijiet kif il-qorti jidhrilha xieraq; jew*
*(ċ) fejn id-dar taż-żwieġ tkun tappartjeni liż-żewġ partijiet, li tassenja d-dar taż-żwieġ lil xi parti minnhom, liema parti jkollha tikkumpensa lill-parti l-oħra għat-telf finanzjarju soffert:*

---

[15] A fol. 55
[16] €40 fit-28 ta' Frar 2015 (Dok. BOV1), u €100 fit-28 ta' Frar 2015 (Dok. BOV3).
[17] €427.27 fix-xahar bejn Awwissu 2016 u Dicembru 2017.

*Iżda f'kull każ, il-qorti għandha tqis dan li ġej:*

*(a) l-aħjar interess tal-ulied minuri, inkluż l-impatt li jista'jkun hemm fuq l-ulied minuri jekk tilqa' talba magħmula skont dan l-artikolu;*

*(b) il-ġid tal-partijiet u tal-ulied; u*

*(ċ) jekk il-partijiet għandhomx, jew jekk bil-mezzi u l-ħiliet tagħhom jistax ikollhom, post ieħor fejn jgħixu.*

F'dan il-kaz giet esebita mill-attrici stima tal-fond matrimonjali, datata 5 ta' April 2017, fejn l-istess fond gie vvaluat ghall-bejgh fuq is-suq fil-prezz ta' €130,000[18]. Din l-istima, oltre li giet konfermata bil-gurament tal-Perit Arkitett John Farrugia, ma giex kontestata u ghalhekk il-Qorti tqis li l-valur surriferit huwa reali u korrett.

Ikkunsidrat;

Illi llum, il-partijiet ghad fadlilhom jaghtu lill-bank is-somma bilancjali ta' cirka €107,000 fuq l-akkwist ta' dan il-fond u ghalhekk huwa evidenti li m'hemmx wisq prospett li r-rikavat mill-bejgh tal-fond, wara li jigi saldat id-debitu dovut lill-bank, jista' jeccedi s-somma ta' €23,000. Meta wiehed iqis illi l-attrici diga` hallset wahedha <u>ferm iktar minn din is-somma</u>, filwaqt li mill-atti jirrizulta li l-konvenut ma hallas <u>assolutament xejn</u> u ma ghamel ebda investiment kwalsiasi f'dan il-fond, il-Qorti ma hijiex konvinta li jkun gust fic-cirkostanzi, jew fattibbli, illi l-fond jigi likwidat billi jitpogga ghall-bejgh fuq is-suq u jinbiegh.

Irrispettivament minn kull kunsiderazzjoni dwar is-somma li jkollha dritt li tigi rifuza l-attrici mir-rikavat tal-bejgh tal-fond matrimonjali <u>kieku l-istess fond kellu jinbiegh fuq is-suq miftuh illum</u>, u irrispettivament ukoll mill-krediti ohrajn li ghandha l-attrici fil-konfront tal-konvenut[19], jirrizulta mill-provi akkwiziti li l-valur tas-sehem ta' kull parti fil-fond illum ma jeccedix is-somma ta' €12,000. Il-Qorti ghalhekk ma hijiex sodisfatta illi fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz, jekk tinbiegh id-dar matrimonjali, l-attrici sejra jkollha akkomodazzjoni ohra xierqa ghaliex ma jidhirx li hemm wisq prospett li bir-rikavat mill-bejgh tad-dar, l-attrici tikseb bizzejjed fondi biex tixtri akkomodazzjoni alternattiva wara li ilha tinvesti f'dan il-fond wahedha ghal dawn l-ahhar tliet snin.

Ferm il-premess, il-Qorti hija tal-fehma li jkun xieraq illi tintlaqa' t-talba ta' l-attrici biex tigi assenjata sehem il-konvenut fil-fond bhala tpacija in parte tal-kreditu li ghandha fil-konfront tal-konvenut. In propositu, tordna wkoll illi ghall-

[18] Fol. 37.
[19] Dawn ser jigu trattati iktar 'il quddiem taht l-intestatura "*Krediti Ohrajn*"

finijiet tat-talbiet fir-rikors guramentat ta' l-attrici immarkati bin-numri 8 u 12, u ghall-finijiet ukoll ta' l-Artikolu 55A(1)(a), il-fond gewwa 32, Flat 2, Triq iz-Zebbug, Haz Zebbug ma ghandux iktar jitqies bhala d-dar matrimonjali u l-attrici ghandu jigi okkupat mill-attrici u mill-minuri ad eskluzjoni tal-konvenut.

*Krediti Ohrajn*

L-attrici tghid li hija hallset diversi pagamenti akkont ta' self bankarju dovut mill-konvenut ghal xiri ta' karozza tat-tip BMW. Din il-karozza nxtrat qabel iz-zwieg u minn ezami ta' l-istatements bankarji esebiti fl-atti, jirrizulta illi l-konvenut kien ha self bankarju fit-8 ta' Novembru 2012 fis-somma ta' €15,000[20] b'ripagamenti mensili ta' €244.88 fix-xahar. Dawn ir-ripagamenti mensili saru mill-kont bankarju tal-konvenut sa Ottubru 2015, izda minn Novembru 2015, jirrizulta li r-ripagamenti ta' €244.88 fix-xahar bdew isiru mill-kont ta' l-attrici[21] sa Ottubru 2016. Dan ifisser illi l-attrici hallset is-somma komplessiva ta' €2,816.12 akkont ta' debitu parafernali tal-konvenut[22].

Finalment, l-attrici tippretendi r-rifuzjoni tas-somma ta' €1,700 li tghid li hija hallset lill-kumpannija Ecabs Company Limited wara li l-konvenut spicca mill-impieg tieghu ta' din il-kumpanija[23], liema pagament, il-Qorti tifhem, sar biex jinkiseb dikjarazzjoni li kienet mehtiega ghall-finijiet tas-self bankarju li hadu l-partijiet biex jakkwistaw il-fond matrimonjali. Jirrizulta li din is-somma thallset mill-kont bankarju ta' l-attrici[24] fit-12 ta' Novembru 2014 cioe` qabel iz-zwieg, u ghalkemm m'hemmx prova diretta li l-pagament sar lill-Ecabs, dan l-entry fl-istatement bankarju jikkombaccja sew mal-verzjoni ta' l-attrici stante illi l-kuntratt tas-self bankarju u akkwist tal-fond gie ppublikat fl-24 ta' Jannar 2015 filwaqt illi l-konvenju jidher li gie konkluz fis-6 ta' Settembru 2014.

Ghalhekk il-Qorti tqis li l-attrici ghandha tigi rifuza wkoll din is-somma ta' €1,700 minghand il-konvenut.

Ferm il-premess, jirrizulta illi l-attrici ghandha ghalhekk kreditu parafernali kontra l-konvenut fis-somma komplessiva ta' **€4,516.12**.

*Mobbli*

L-attrici ma ressqitx prova dwar il-beni mobbli li jippossjedu in komun il-partijiet jew li jifformaw parti mill-komunjoni ta' l-akkwisti, u lanqas jirrizulta x'inhuma

[20] Dok. BOV6 a fol. 147.
[21] Dok. BOV1
[22] Pagament wiehed ta' 244.88 Euro sar waqt l-ezistenza tal-komunjoni ta' l-akkwisti bejn il-partijiet qabel il-konvenut gie meqjus li huwa hati tal-firda.
[23] Dan jirrizulta wkoll mill-pagamenti tas-salarju li kienu jigu depozitati fil-kont tal-konvenut Dok. BOV5, minn din il-kumpannija.
[24] Dok. BOV1 a fol. 102

l-mobbli li jinsabu fid-dar matrimonjali u ghalhekk, il-Qorti m'hijiex f'pozizzjoni li taggudika dwarhom jew tassenjahom lil xi parti jew ohra.

*Kontijiet Bankarji*

Mid-dokumenti esebiti minn Joanna Bartolo li xehdet in rapprezentanza tas-socjeta` Bank of Valletta plc, jirrizulta li l-attrici ghandha f'isimha tliet kontijiet bankarji li ghadhom attivi, liema kontijiet huma dawk immarkati bhala Dok, BOV1, BOV3 u BOV4. Dawn kollha infethu qabel iz-zwieg u ghalhekk huma parafernali ta' l-attrici.

Il-konvenut ghandu f'ismu kont *savings* (Dok. BOV5) li nfetah qabel iz-zwieg u ma fih ebda bilanc. Dan il-kont huwa parafernali tal-konvenut. Ghandu wkoll *loan account* (Dok. BOV6) li fih debitu bilancjali ta' €7,835.85[25] liema self huwa wkoll debitu parafernali tal-konvenut u ghalhekk dovut esklussivament minnu.

Il-partijiet ghandhom flimkien il-kontijiet li jirrizultaw minn Dok. BOV7 li fih bilanc ta' €137.63, Dok. BOV8 li fih biss bilanc ta' ftit centezmi, kif ukoll il-loan account Dok. BOV9. Kwantu ghall-kontijiet Dok. BOV7 u 8, il-Qorti tordna illi l-ammonti bilancjali f'dawn il-kontijiet ghandhom jigu assenjati lill-attrici biss u wara, il-kontijiet relattivi ghandhom jinghalqu.

Kwantu ghall-kont tas-self bankarju Dok. BOV9, il-Qorti tqis li in segwitu u tenut kont tal-fatt li sehem il-konvenut fil-fond matrimonjali gewwa 32, Flat 2, Triq iz-Zebbug, Haz Zebbug, ser jigi assenjat lill-attrici skond kif diga` premess u deciz *supra*, dan id-debitu ghandu jigi assenjat lill-attrici li ghandha thallas wahedha d-debitu bilancjali fl-imsemmi kont numru 40022981675 dovut ghall-akkwist ta' l-imsemmi fond matrimonjali, kif ukoll l-ammont dovuti fuq il-poloz ta' assigurazzjoni tal-bini u tal-hajja dovuti in konnessjoni mas-self bankarju fuq imsemmi.

*Beni Parafernali*

L-unici beni parafernali ta' l-attrici li ghamlet accenn ghalihom fix-xhieda taghha huma l-kirja tal-hanut "T's Unisex Hair Studio" gewwa Triq Bir ir-Riebu Rabat, Malta, u l-mobbli u apparat li jinsabu fil-fond, li nxtraw kollha mill-attrici qabel iz-zwieg. Il-Qorti ma ghandha ebda diffikolta` li tqis illi l-lokazzjoni tal-fond imsemmi kif ukoll il-mobbli kollha li gew akkwistati mill-attrici ghall-finijiet tan-negozju taghha, qabel iz-zwieg, huma beni parafernali ta' l-attrici li ma jifformawx parti mill-komunjoni ta' l-akkwisti. Madanakollu, ma jirrizultax illi l-

[25] Fl-24 ta' Ottubru 2017.

konvenut ghandu fil-pussess tieghu xi whud minn dawn il-beni parafernali jew xi beni parafernali ohrajn ta' l-attrici.

Il-Qorti tqis ukoll li l-konvenut ma ghandu ebda dritt in konnessjoni mal-hlas tal-kera tal-fond waqt iz-zwieg fis-somma ta' €60 fix-xahar, in vista ta' l-applikazzjoni tas-sanzjonijiet kontemplati fl-Artikolu 48(1)(c) tal-Kap. 16 fil-konfront tieghu u certament m'hijiex sejra taghti provvedimenti dwar ammonti irrizorji.

*Provvedimenti dwar Qsim tal-Beni Komuni u l-Komunjoni ta' l-Akkwisti*

Mizmum ferm dak kollu premess u ghar-ragunijiet fuq moghtija, il-Qorti tordna illi s-sehem tal-konvenut fil-fond li qabel kien id-dar matrimonjali tal-partijiet, gewwa 32, Flat 2, Triq iz-Zebbug, Haz Zebbug, liema sehem jirrizulta mill-kuntratt ta' akkwist datat 24 ta' Jannar 2015 fl-atti tan-Nutar Dr. Anthony Abela[26], jigi assenjat lill-attrici. Billi l-valur ta' sehem il-konvenut fl-istess fond qieghed jigi kwantifikat *arbitrio boni viri* fis-somma ta' €12,000, din l-assenjazzjoni ghandha ssir minghajr ebda kunsiderazzjoni stante illi l-attrici hallset wahedha ghall-akkwist ta' dan il-fond is-somma komplessiva ta' €27,028.77, filwaqt illi ghandha tiehu wkoll minghand il-konvenut is-somma komplessiva ta' €4,516.12.

Il-Qorti tordna wkoll illi d-debitu bilancjali fil-kont tas-self bankarju bin-numru 40022981675 (Dok. BOV9) dovut sad-data tal-lum lis-socjeta` Bank of Valletta plc ghandu jigi assenjat lill-attrici li ghandha ghalhekk tkompli thallas wahedha d-debitu kollu rimanenti fuq dan is-self dovut lis-socjeta` Bank of Valletta plc.

Billi bl-assenjazzjoni ta' sehem il-konvenut fil-fond gja` l-fond matrimonjali lill-attrici, il-konvenut ma jkunx b'daqshekk issalda kompletament id-debitu minnu dovut lill-attrici, il-Qorti tqis illi l-konvenut ghandu jaghti lill-attrici ammont ulterjuri li qed jigi kwanitifikat *arbitrio boni viri* fis-somma ta' **€19,500**.

**Hall taz-Zwieg**

L-attrici talbet ukoll il-pronunzjament tal-hall taz-zwieg bejn il-partijiet li gie ccelebrat fis-27 ta' Awwissu 2016. Billi huwa pacifiku skond id-dispozizzjonijiet ta' l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili li l-hall taz-zwieg jista' jigi pronunzjat meta jigu sodisfatti kumulattivament diversi rekwiziti, fosthom li l-partijiet ikunu ilhom separati ghal iktar minn erba' snin, huwa evidenti li l-kriterji ghall-pronunzjament ghall-hall taz-zwieg ma gewx sodisfatti f'dan il-kaz fejn il-partijiet ilhom inqas minn sena u nofs mhux jghixu flimkien. Ghalhekk din it-talba ser tigi michuda.

[26] Dok. AZM1 a fol. 23

**Decide**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti qed taqta' u tiddeciedi t-talbiet attrici billi, fil-kontumacja tal-konvenut:-

1. Tilqa' l-ewwel talba u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet ghal ragunijiet imputabbli lill-konvenut minhabba sevizzi u ingurji gravi kommessi fil-konfront ta' l-attrici u ghall-finijiet ta' l-Artikolu 48(1)(c) tal-Kodici Civili, tiffissa d-data meta l-konvenut ghandu jkun ikkunsidrat hati tal-firda bhala l-15 ta' Settembru 2016;

2. Tilqa' t-tieni talba u tawtorizza lill-attrici tghix separatament minn zewghha l-konvenut;

3. Tilqa' t-tielet talba u tordna illi l-kura u kustodja tal-minuri F u K ahwa R H tigi fdata esklussivament f'idejn ommhom l-attrici, bil-kundizzjonijiet elenkati supra taht l-intestatura "*Kura u Kustodja tal-Minuri*";

4. Tilqa' t-tielet talba ta' l-attrici u tordna li r-residenza tal-minuri tkun ma' ommhom l-attrici;

5. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici in linea ta' manteniment ta' wlied minuri tal-partijiet, is-somma ta' mija u sebghin Euro fix-xahar (€170) fix-xahar kull wiehed, u dan b'effett mis-16 ta' Mejju 2017 liema somma mensili tinkludi l-ispejjez kollha ta' edukazzjoni u sahha tal-minuri skond kif ordnat supra taht l-intestatura *"Manteniment tal-Minuri"*.

6. Tilqa' s-sitt talba u tapplika kontra l-konvenut in toto d-dispozizzjonijiet ta' l-Artikolu 48 tal-Kodici Civili;

7. Tilqa' s-seba' talba attrici biss in parte billi tordna li l-attrici tigi moghtija l-pjena amminstrazzjoni tal-beni parafernali taghha u tichadha ghall-kumplament fuq nuqqas ta' provi;

8. Tilqa' t-tmien talba u tiddikjara li l-fond li jinsab gewwa 32, Flat 2, Triq iz-Zebbug, Haz Zebbug, Malta, ma ghandux iktar jitqies bhala d-dar matrimonjali tal-partijiet;

9. Tilqa' d-disa' talba u tillikwida l-krediti parafernali ta' l-attrici bil-mod ordnat supra taht l-intestatura *"Komunjoni ta' l-Akkwisti u Beni Ohrajn"*;

10. Tilqa' l-ghaxar talba u tiddikjara li l-konvenut ghandu jassumi fl-intier taghhom d-djun kollha li ghamel;

11. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-hdax-il talba attrici fejn talbet ix-xoljiment tal-komunjoni ta' l-akkwisti bejn il-partijiet, in vista tas-sentenza taghha tas-26 ta' Settembru 2017 fejn ordnat il-waqfien ta' l-istess komunjoni, izda tilqaghha billi tillikwidaha bil-mod ordnat supra taht l-intestatura "*Komunjoni ta' l-Akkwisti u Beni Ohrajn*";

12. Tilqa' t-tnax-il talba billi tordna illi l-fond li jinsab gewwa 32, Flat 2, Triq iz-Zebbug, Haz Zebbug, Malta jigi okkupat mill-attrici flimkien ma' ulied minuri tal-partijiet, bl-eskluzjoni tal-konvenut;

13. Tilqa' t-tlettax-il talba u tordna illi sehem il-konvenut fil-fond li jinsab gewwa 32, Flat 2, Triq iz-Zebbug, Haz Zebbug, Malta, jigi assenjat lill-attrici bhala tpacija in parte tal-krediti parafernali u krediti ohrajn dovuti lill-attrici mill-konvenut, skond kif ordnat supra taht l-intestatura "*Komunjoni ta' l-Akkwisti u Beni Ohrajn*";

14. Tilqa' l-erbatax-il talba u tawtorizza lill-attrici tirregistra din is-sentenza fir-Registru Pubbliku;

15. Ghall-finijiet tal-hmistax-il talba, tinnomina lin-Nutar Dr. Anthony Abela sabiex jippubblika l-att ta' l-assenjazzjoni tas-sehem tal-konvenut fil-fond li jinsab gewwa 32, Flat 2, Triq iz-Zebbug, Haz Zebbug, Malta, lill-attrici, kif ordnat supra taht l-intestatura "*Komunjoni ta' l-Akkwisti u Beni Ohrajn"* u tinnomina wkoll bhala kuratur lill-Avukat Dr Keith Borg sabiex jirrapprezenta l-eventwali kontumaci fuq l-istess att pubbliku;

16. Tichad is-sittax-il talba ghall-hall taz-zwieg;

17. Tichad ukoll is-sbatax-il talba in vista wkoll ta' l-akkoljiment ta' l-erbatax-il talba.

L-ispejjez kollha tal-kawza a karigu esklussiv tal-konvenut.

**Imhallef** **Deputat Registratur**